MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 226/1999/1

George u Rosina Sultana .

vs

Dipartiment tad-Drenagg .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppermettew :

Illi l-konvenut minghajr jedd fil-ligi u kontra l-volonta’ tal-esponenti qabad u ghadda “wires” tal-lucelettrika minn fuq ir-recint proprjeta’ ta’ l-atturi .

Illi oltre dan il-konvenut ghamel streuttura konsistenti f’kanna quddiem il-proprjeta’ tal-atturi b’tali mod li qieghed jostakola jew altrimenti jirrestringi l-access mit-triq pubblika ghall-fond tar-rikorrenti .

Illi dan kollu jikkostitwixxi servitu ossija gravam fuq il-proprjeta' tal-atturi kontra l-ligi .

Illi ghalkemm gie debitament interpellat ghal dan il-fini, il-konvenut baqa' inadempjenti .

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara li l-fond tal-atturi li jikkonsisti f'bicca raba fabbrikabbli ta' madwar hmistax-il mitt metru kwadru (1500$m^2$) frontaggjanti triq wara s-Sur Victoria, Ghawdex u konfinanti min-naha tal-punent mat-triq, min-naha tan-nofsinhar ma' beni ta' Pawlu Sultana u mill-Lvant ma' beni ta' Michaelangelo Mercieca hija libera minn kull servitu u gravam senjentament ghall-"wires" u "pipes" ta' lucelettrika mghoddija mill-konvenut fuq recint kif ukoll mill-istruttura li bena u fiha qed jostakola jew jirrestringi l-access tal-atturi ghall-proprjeta' taghhom .

2. Konsegwentement tordna r-rimozzjoni ta' dawk l-istrutturi, "pipes" u "wires" fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss .

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi li jaghmlu x-xoghol ta' rimozzjoni huma taht is-sorveljanza ta' arkitett u inginier civili .

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Novembru, 1999, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa mharrek ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi mahlufa minn Rose Sultana .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :

1. Illi l-kanna u l-wires li hemm ghaddejjin minn fuq ir-recint imsemmi jinsabu hemm bil-kunsens tan-nies tal-post, inkluzi l-istess atturi .

2. Illi l-kanen imsemmija mill-attur gew impoggija fuq il-post sabiex jigu akkomodati l-atturi u l-wires ma jibqghux ghaddejjin fil-baxx izda jghaddu overhead, u l-eccipjent bl-ebda mod ma ried jostakola l-access lill-atturi .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenut ikkonfermata bil-gurament ta’ Joseph Portelli .

Rat l-atti l-ohra tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugha .

Rat il-verbal ta' l-atturi tas-26 ta' April 2001 fejn iddikjaraw illi fil-mori tal-kawza l-konvenut kien wettaq ix-xoghlijiet rikjesti .

Rat il-verbal taghha tat-8 ta' Mejju 2003 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza fuq il-kap ta' l-ispejjez .

Ikkunsidrat :

Illi jirrizulta sew mid-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi, kif ukoll mix-xhieda ta' l-attrici u dik tal-legali taghha illi hekk kif kienu saru x-xoghlijiet lamentati mill-konvenut fuq il-proprjeta' taghhom, dawn oggezzjonaw ghalihom, sew minhabba l-inkonvenjent u anke minhabba l-periklu li nholoq b'*wires* tad-dawl imwahhlin fejn jistghu jintlahqu facilment . Jidher illi d-dipartiment tad-Drenagg mill-ewwel irrikonoxxa li x-xoghlijiet lamentati ma kienux saru sew u l-atturi gew imweghda illi ser isiru xoghlijiet rimedjali kemm jista' jkun malajr . Madankollu, minkejja illi d-dipartiment gie interpellat anke gudizzjarjament sabiex jaghmel dak li kien mehtieg biex innehhi l-inkonvenjent u l-perikolu minn fuq il-proprjeta' ta' l-atturi,[1] id-dipartiment koncernat baqa' inadempjenti, u jidher illi kellha tkun appuntu din il-kawza biex iccaqalqu jaghmel dak li kien mehtieg .

[1] Ara ittra ufficcjali tal-15 ta' Novembru 1999 esebita fl-atti processwali a fol. 16 .

F'din il-kawza baqa' hadd ma xehed in rapprezentanza tad-Dipartiment . L-unika gustifikazzjoni li tinghata fid-dikjarazzjoni tal-fatti annessa ma' n-nota ta' l-eccezzjonijiet, hija li dawn ix-xoghlijiet kienu mehtiega sabiex temporanjament tigi stallata pompa halli tigi solvuta problema ta' skular ta' drenagg fl-inhawi qrib il-propjeta' ta' l-atturi . Ma tinghata pero' ebda spjegazzjoni ghaliex dawn ix-xoghlijiet kellhom proprju jsiru b'dak il-mod li joholqu daqstant inkonvenjent u perikolu ghas-sahha ta' l-atturi u l-familja taghhom . Lanqas jinghad ghaliex kien jehtieg xi dewmien sabiex isiru x-xoghlijiet rimedjali .

F'tali cirkostanzi l-Qorti ma tistax tqis din il-kawza bhala wahda kapriccjuza u bla htiega . Ghalhekk ghandu jbati l-ispejjez konsegwenzjali id-dipartiment koncernat .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi dwar il-kap ta' l-ispejjez billi tordna illi dawn ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut .

S22699Pc

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------